# VOKALIZZAZZJONI TAL-VERBI MALTIN

*(Tagħrif Bibljografiku u Fonoloġiku)*

Il-vokalizzazzjoni tal-verbi Maltin hija l-iktar ħaġa fil-Grammatika Maltija illi fuqha s'issa kull grammatiku sab daqsxejn ta' tweghir biex iwaqqaf reguli. L-iktar li fiha xkiel hija dik tal-verbi trilitteri sħaħ ta' żewġ sillabi.

Fejn fil-Għarbi l-*mamma* tal-verb trilitteru għandha dejjem il-vokali *a* fl-ewwel sillaba u tvarja biss il-vokali tat-tieni waħda, fil-Malti l-vokali ta' l-ewwel sillaba, ma' dik tat-tieni, tbiddel ukoll. It-tibdil ta' din il-vokali mhux marbut mal-ħoss u aċċent tal-vokali bħalma nsibu iktarx f'xi verbi mnisslin, iżda mal-għamla tal-konsonanti tal-għerq u ma' dik ta' l-*enfatiċi*.

Fil-Għarbi l-vokali tat-tieni sillabi (*u*, *i* jew *e*, *a*) turi jekk il-verb hux attiv, transitiv, intransitiv jew newtru, fil-waqt li fil-Malti dawn il-vokali ma juru ebda tifsira ta' din ix-xorta.

Vassalli jsemmi sitt xorta ta' vokalizzazzjoni fil-*mamma* tal-verbi trilitteri dissillabi, li huma: *a-a*, *e-e*, *o-o*, *a-e*, *i-e*, *e-a*. Dawn iqassamhom imbagħad f'ħafna fergħat oħra skond il-vokalizzazzjoni li jarġgħu jieħdu fl-Imperfett u fl-Imperativ. Huwa xejn ma jfisser għaliex biċċa jieħdu waħda u oħrajn jieħdu oħra mix-xorta ta' vokalizzazzjoni. L-iktar vokalizzazzjoni mżewqa hija għalhekk dik tat-trilitteri li fihom jidħlu s-sitt xorta ta' vokalizzazjoni msemmijin hawn fuq, bħal f'*qasam*, *heġem*, *kotor*, *ħaseb*, *bidel*, *fetaħ*, u l-iktar fost dawn, li fil-*mamma* ma jbiddlux il-vokali, huma l-verbi bit-tielet konsonanti *għ* (Vassalli u Falzon) li jagħmlu fil-biċċa l-kbira *a-a*: *rafa'*, *tala'*, *raġa'*, *baża'*, *sama'*, *waqa'*, *wasa'*, bla ma nqisu: *qata'*, *qala'*, *baqa'* fejn l-ewwel vokali *a* setgħet riditha l-konsonanti gutturali *q* bħala l-ewwel jew it-tieni waħda tal-għerq. Oħrajn bit-tielet konsonanti dgħajfa *j*, *w* jew Elif iżommu iktarx dejjem il-vokalizzazzjoni *e-a* : *reħa*, *beda*, *tena*, *tewa*, barra minn *qara*, *dagħa*, *ragħa*, *ħata*, u xi ieħor fejn l-ewwel vokali *a* iriduha l-konsonanti gutturali *għ*, u l-enfatiċi *ħ*, *t*, u l-ittri *q-r*, iżda mhux *ħela*, *qela*, *qeda* (Vass. *qada*). Vassalli jivvokalizza dawn il-verbi b'*y-ae* fejn *y* għandha l-leħen ta' bejn il-vokali *e* u *i*, u *ae* dak ta' bejn *a* u *e*.

Panzavecchia fil-grammatika tiegħu jressaq il-vokali tal-verb trilitteru Malti ma' dawk tas-sitt konjugazzjonijet tal-verb Għarbi, biss isemmi oħra barranija fil-Malti bil-vokali tat-tieni sillaba *e* fil-Perfett u *o* fl-Imperfett, li fil-Għarbi

ma hemmx. Eż: *siket, jiskot*; *qatel joqtol*. Iżda xi eżempji bħal *magħar, jimgħer*; *għalem, jogħlam* ma jaqblux sew sew mal-pronunzja vera maltija u għalhekk ma jwettqux ir-regula.

Il-Professur Edmund F. Sutcliffe, S.J., fil-Grammatika Maltija bl-Ingliż (*A Grammar of the Maltese Language, 1936*) itenni s-sitt vokalizzazzjoniet tal-*mamma* tal-verb trilitteru Malti ta' żewġ sillabi u s-sittax l-oħra fl-Imperfett mill-*mamma* ta' l-istess verbi, fejn mat-tlittax imsemmijin fit-tabella ta' Vassalli (*Grammatika della Lingua Maltese*, 1827. faċċ. 45) idaħħal il-vokalizzazzjonijiet: *e-a*, *e-a*; *e-a*, *o-o*; *i-e*,*e-o*; l-ewwel u t-tieni mill-mamma *e-a*: *resaq, jersaq*; *beżaq, jobżoq*- u t-tielet mill-mamma *i-e*: *siket, jiskot*. Sutcliffe hu l-ewwel wieħed li fi Grammatika Maltija jsemmi kif il-vokalizzazzjoni tal-Perfett u Imperfett għandha x'taqsam max-xorta ta' konsonanti tal-għerq. Hekk, ngħidu aħna, il-vokalizzazzjonijiet:

| *Perfett* | *Imperfett* |
|---|---|
| *a-a* (qatal) | *a-a* (jaqtal) |
| *a-e* (qatel) | *a-e* (jaqtel) |
| *a-e* (qatel) | *o-o* (joqtol) |

jimxu ma' *ħ* jew gutturali bħala l-ewwel konsonanti ;

| | |
|---|---|
| *e-e* (qetel) | *e-e* (jeqtel) |

ma' aspirata jew gutturali bħala l-ewwel konsonanti ;

| | |
|---|---|
| *e-e* (qetel) | *i-e* (jiqtel) |

ma' aspirata jew gutturali bħala t-tieni konsonanti;

| | |
|---|---|
| *a-a* (qatal) | *i-a* (jiqtal) |

ma' aspirata, gutturali jew *r* bħala t-tieni konsonanti;

| | |
|---|---|
| *e-a* (qetal) | *i-a* (jiqtal) |
| *e-a* (qetal) | *i-o* (jiqtol) |
| *e-a* (qetal) | *o-o* (joqtol) |

ma' aspirata jew gutturali bħala t-tielet konsonanti; iżda jistqarr illi mhux dejjem ir-regula tal-vokalizzazzjoni tit-wettaq.

Qabel Sutcliffe, il-Professur P. P. Saydon (xi 8 snin qabel) kien kiteb artiklu ta' studju u reqqa kbira f'"*Il-Malti*," "Il-Vokali tal-Verb Malti" (Ara "Il-Malti" it-Tieni Ktieb,1928) fejn fisser kif il-vokalizzazzjoni tal-verbi hija marbuta mal-għamla enfatika, gutturali jew aspirata tal-konsonanti li fuq-hom hi mibnija l-*mamma* tal-verb. Ifisser illi l-vokalizza-zjoni *a-a* tal-Għarbi, fil-Malti bħala regula tikser f'*i-e*, (nidem, wiret) li f'verbi bl-aħħar konsonanti *ħ*, *q*, *għ*, issir *e-a* (*feraħ*,

*telaq*, *belagħ*) u f'verbi bl-ewwel konsonanti *ħ*, *għ*, *q* issir *a-e* (*ħadem*, *ħalef*, *qatel*); iżda tibqa' *a-a* f'verbi meta tàn-nofs weħidha, jew b'xi waħda tat-truf magħha, jew it-tnejn tat-truf ikunu *ħ*, *għ*, *q* jew xi *enfatika*.

Il-vokalizzazzjoni ta' *fehem*, *xorob* iqabbilha ma' dik tal-Għarbi *qatila*, *qatula*, li fil-Malti ħadu, waħda l-forma *qetel*, u l-oħra l-forma *qotol*. Il-vokalizzazzjoni *a-a*, *a-e*, *e-a*, fil-verbi mnisslin ma titbiddilx, iżda l-vokalizzazzjoni *i-e* tiġi li titbiddel u l-*i* issir *e*. Eż: *tilef*, *tellef*, u l-*e* f'*a*. Eż: *kiber*, *kabbar*. Hekk ukoll verbi bil-vokali: *e-e*, *o-o*, isiru *a-a*: *weħel*, *waħħal*; *toqol taqqal*. Il-vokalizzazzjoni ta' l-Imperfett ixebbahha, minn banda, ma' dik ta' xi konjugazzjoni tal-Għarbi u mill-banda l-oħra jfissirha skond il-leħen mitlub mill-konsonanti ta' l-għerq. Barra minn dawk tal-għamla *qitel*, *qatel* u *qotol*, li fl-Imperfett iktarx dejjem iżommu l-istess vokali, ifisser kif l-oħrajn tal-għamla *qetal* għandhom fl-Imperfett *jiqtal*, *jiqtol* fejn il-vokali *o* hija xi mindaqqiet l-Għarbija *u* qabel l-*ħ* ħarxa. Qabbel *fetaħ*; *jiftaħ*; *selaħ jisloħ*.

Verbi bil-vokali *e-e* jibqgħu jżommu l-vokali jekk l-ewwel ittra hija *ħ*, *għ*, *q*, iżda jbiddlu l-ewwel vokali *e* f'*i* meta ta' l-ewwel hija konsonanti oħra; u dawk bil-vokali *a-a* jieħdu fl-Imperfett il-forma *jaqtal*, (fejn iktarx l-ewwel konsonanti hi *għ* jew *ħ*: *għaraf*, *jagħraf*; *ħataf*, *jaħtaf*); *jiqtal*, (*marad*, *jimrad*) u l-forma *joqtol* (*barax*, *joborx*) u l-forma *jiqtol* (*daħal*, *jidħol*).

Minn dawn il-vokalizzazzjonijiet li ġbart minn fuq grammatiki u artikoli li s'issa nkitbu fuq hekk jidher illi fost is-seba' konjugazzjonijiet li għandna fil-verb trilitteru regulari ma hemmx ħlief xi żewġ xorta ta' verbi li bħala regula jżommu l-vokali sħaħ fil-mamma u dawn huma, fil-fehma tiegħi, dawk li għandhom it-tielet konsonanti *għ* u l-oħrajn tat-tielet konsonanti *j*, *w* jew Elif. Ta' l-ewwel il-vokali huma *a-a* u tat-tieni *e-a*. Jiġi madankollu illi f'dawn iż-żewġ konjugazzjonijiet il-vokalizzazzjoni tvarja 'l hawn u 'l hinn minn ħalq għal ħalq.

Il-verbi bil-vokali *e-a* jiġi li jinħassu *a-a* jew *o-o* meta l-ewwel jew it-tieni konsonanti tkun jew gutturali jew *r*, bħal: *ħata*, *dara*, *dagħa*, *qara*, *għola*, *għoxa*, eċċ. Jekk il-verbi fil-Għarbi għandhom dejjem l-ewwel vokali *a*, meta din titbiddel fil-Malti, il-varjazzjoni għandha titqies bħala vokalizzazzjoni djalettali li fiha għandha sehem xi konsonanti sibillanti, dentali, eċċ.

Il-vokalizzazzjoni ta' l-Imperfett hija ħaġa wisq iżjed imżewqa minn dik tal-Perfett. L-iktar li f'dan it-temp

iżommu il-vokalizzazzjoni tal-Perfett huma dawk tal-vokali *i-e* u *o-o* (fost is-Sħaħ), u l-Assimilativi bħal: *difen*, *għoġob*, *għotor għonos*, *wiżen*, *waqa'*.

Biex ngħabbar sewwa il-fehma tiegħi u ħaddieħor ikun jista' jiżinha aħjar bil-miżien ta' moħħu, sa nqiegħed fuq il-keffa l-oħra dak li jiena kont flejt u staħriġt qabel ma qrajt u ġbart dak kollu li ġibt hawn fuq.

## KONJUGAZZJONIJIET GHARBIN U MALTIN

Jekk inqabblu l-vokalizzazzjoni tal-verbi Maltin ma' tal-verbi Għarbin, insibu li dina fil-biċċa l-kbira taqbel, iżda mbagħad tiġi li tikser u timxi iktarx max-xorta ta' konsonanti li tmiss mal-vokali fil-bidu u bejn il-konsonanti tan-nofs u ta' laħħar.

Il-vokalizzazzjonijiet Għarbin li jaqblu l-iktar fil-Malti huma: *-a*; *-u; qatal*, *jaqtul*. Eż: *baram*, *jobrom* (l-ewwel konjugaz).; *-a*; *-a*; *qatal*, *jaqtal*. Eż: *ħabat*, *jaħbat* (it-tielet konjug.); *-i*; *-i qatil*, *jaqtil*, jew *qatel*, *jaqtel*, Eż: *ħaseb*, *jaħseb* (il-ħames konjug.) ; *-u*; *-u*; *qatul*, *jaqtul*. Eż: *qorob*, *joqrob* (is-sitt konjugazzjoni).

*a*) Il-vokalizzazzjoni *a-a* (Perfett) u *a-u* (Imperfett) ta' l-Ewwel Konjugazzjoni Għarbija, fil-Malti tbiddel ħafna. F'xi verbi żammet l-*a-a* tal-Perfett u fl-aħħar tbiddlet f'*a-e* jew *i-e* (*qatel*, *dineb*) u fl-Imperfett il-vokali *u* għarbija tat-tieni sillaba saret *o* u b'xebh biddlet f'*o* ukoll dik ta' l-ewwel sillaba : *bagħad: jobgħod*, *rabat*, *jorbot*. Il-vokali *a-e*; *i-e*; tal-Perfett aktarx li żammewhom ħafna verbi fl-Imperfett : *qabel*, *jaqbel*; *ħamel*, *jaħmel*; *għamel*, *jagħmel* (f'verbi bl-ewwel kons. *q*, *ħ*, *għ*); *dineb*, *jidneb*; *rikeb*, *jirkeb*, barra minn xi verbi bħal : *ħareġ*, *joħroġ; qatel*, *joqtol*; *siket*, *jiskot*.

*b*) Il-vokalizzazzjoni l-oħra *a-a* tal-Għarbi nsibu li fil-Malti tbiddel ukoll meta tgħaddi għall-Imperfett, għalkemm iżżomm it-tieni vokali karatteristika tal-konjugazzjoni tal-verb li jkun. Hekk naraw illi, f'xi verbi, il-vokali *a-a* tal-mamma fl-Imperfett jiksru f'*i-a*. Ara*: laħaq*, *xabagħ*, *lamagħ*, *samagħ*, *ġamagħ*, li jagħmlu: *jilħaq*, *jixbagħ*, *jilmagħ*, *jismagħ jiġmagħ* barra minn xi verbi li għandhom l-ewwel konsonanti gutturali, bħal : *qatagħ*, *qalagħ* li fl-Imperfett jagħmlu *a-a* ukoll, jiġifieri *jaqtagħ*, *jaqlagħ*. Il-konjugazzjoni Għarbija *a-a* f'xi verbi Maltin tikser ukoll f'*e-a*, bħal: *fetaħ*, *nebaħ* li mbagħad fl-Imperfett jagħmlu *i-a*, jiġifieri: *jiftaħ*, *jinbaħ*. Dawn huma dawk il-verbi li għandhom l-aħħar konsonanti *ħ*, *q*.

A. C.

(*jissokta*)

# AVVISO

## DELL' AUTORE

Ecco finalmente venuto alla luce il promesso VOCABOLARIO MALTESE. Il suo Autore nell'unire il materiale de' vocaboli coi loro varj significati si è accorto di non poter dividere l' opera e farla stampare al tenore del Manifesto indirizzato nel 1792. Egli di fatti avea prima pensato di produrla in tre tomi da contenersi in due volumi di sesto minore del presente : ma dopo aver ravvisato la copiosità de' termini e l'ampiezza de' significati, e quindi preveduto la necessità di descriverli con chiarezza credè dover suo di perfezionare, per quanto sia possibile, questo nuovo Dizionario coll' arricchirlo di quante dizioni avesse potuto raccogliere, e col farne la stampa nel presente sesto, ed in questo silvio, e non in minor carattere, perchè un' opera nuova, e specialmente in questo genere di letteratura, si renderebbe difficile a leggersi, se a chiare cifre non venisse stampata.

Ma per eseguire la stampa in tal carattere senza tralasciare le necessarie aggiunte e il discorso preliminare, e per non aumentare il numero de' volumi è venuto l' Autore nella determinazione di divisare l' opera in altra maniera ; cioè di marcare in margine i vocaboli Maltesi colle lettere corsive, le quali citandosi poi colla colonna verranno nell' indice latino e italiano a far corrispondere i significati ; e così senza i due tomi latino-maltese ed italo-maltese suppliranno i due indici latino ed italiano nell' altro volume. Prima però di dare alla luce questi due indici pensa l' Autore di accrescere l' opera d' un Supplemento di parecchie voci Maltesi, le quali tra l' affluenza la varietà il complesso e la novità d' una prima raccolta isfuggirono involontariamente le di lui vedute ; e ciò farà sì che questa edizione non sarà per ora suscettibile di aumento. Tale aggiunta unitamente all' Appendice Etimologica e gl' accennati due Indici formeranno un secondo volume forse poco minore del Dizionario.

Or attesa la grandezza del sesto e del carattere, l' aumento dei ragionamenti preliminari, l' aggiunta da farsi, e la diversità totale del nuovo divisamento viene l' opera a richiedere maggior fatica e dispendio, e perciò pare che l' Autore debba pretendere dai Signori Associati maggior prezzo dello stabilito nel citato manifesto. Egli perciò darà il presente volume ai Sig.ri Associati al prezzo di scudi 4 e mezzo l'altro mezzo onde per chi è associato l'aumento sarà di uno scudo in tutta l'opera. I non associati pagheranno questo volume scudi 5. e per l'altro due e mezzo.

Mik. Ant. Vassalli

Avviż ta' Mikiel Anton Vassalli maħruġ flimkien mal-"*Lexicon*" (1796) b'tiswija miktuba u iffirmata minnu dwar il-Prezz tal-Ktieb.